

Brussell, 17 ta' Frar 2026
(OR. en)

5755/26

FIN 142
INST 33

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

Suġġett: Linji gwida baġitarji għall-2027

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Frar 2026)*
-

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2027, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-4153 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Frar 2026.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR IL-LINJI GWIDA BAĠITARJI GĦALL-2027

1. Il-Kunsill jissottolinja li l-proċedura baġitarja għall-2027 ser tkun l-aħħar waħda tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. F'dan ir-rigward, il-baġit tal-UE għall-2027 għandu rwol ewlieni fit-twettiq tal-oġġettivi fit-tul u l-prijoritajiet politiċi maqbuli mill-Unjoni. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-istituzzjonijiet kollha jieħdu kont debitu tal-elementi rilevanti kollha fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021-2027.
2. Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna li għadha għaddejja, il-Kunsill jirrikonoxxi l-impenn sod, ikkonfermat mill-ġdid minn 25 Kap ta' Stat jew ta' Gvern fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2025¹, li jingħata appoġġ finanzjarju kontinwu lill-Ukrajna għal kemm ikun hemm bżonn u bl-intensità meħtieġa, u li jiġu appoġġati r-reżiljenza u r-rikostruzzjoni fit-tul tagħha. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-baġit għall-2027 ikompli juri s-solidarjetà tal-Unjoni mal-poplu tal-Ukrajna u jwieġeb għall-kriżijiet relatati, inkluż il-ħtiġijiet umanitarji. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill ifakkar id-deċiżjoni li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet finanzjarji tal-Ukrajna għall-2026-2027, u l-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew (EUCO)² dwar id-difiża u s-sigurtà Ewropea, kif riflessi fil-konklużjonijiet tal-EUCO tat-18-19 ta' Diċembru 2025³.

¹ Id-dokument EUCO 26/25.

² Id-dokument EUCO 18/25.

³ Id-dokument EUCO 24/25.

3. Il-Kunsill ifakkar fil-prinċipju ta' solidarjetà u jissottolinja li l-użu effettiv tal-baġit tal-UE ser isaħħaħ il-kredibbiltà tal-Unjoni maċ-ċittadini Ewropej.
4. Il-Kunsill itenni li l-baġit għandu jiġi stabbilit skont il-prinċipji baġitarji li jinsabu fir-Regolament Finanzjarju⁴, partikolarment il-prinċipji ta' unità, annwalità, ġestjoni finanzjarja tajba u trasparenza.
5. Il-Kunsill iqis li l-baġit għall-2027 għandu jkun realistiku, f'konformità mal-ħtiġijiet attwali, jiżgura bbaġitjar prudenti u, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII)⁵, jipprevedi marġini suffiċjenti taħt il-limiti massimi tal-QFP biex jiġu ttrattati ċirkostanzi mhux previsti u jiġu indirizzati l-isfidi tal-Unjoni. Fl-istess ħin, il-baġit għall-2027 għandu jipprovdi biżżejjed riżorsi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni, kif deskritt fid-dikjarazzjoni konġunta dwar l-appropriazzjonijiet ta' pagament mehmuża mal-baġit għall-2026, inklużi r-riżorsi li jirriżultaw mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-2025 tal-politika ta' koeżjoni, u biex l-impenji li diġà saru taħt il-QFP attwali jkunu jistgħu jitħallsu fi żmien debitu. Għal dan il-għan, jekk ikun meħtieġ u f'każijiet debitament iġġustifikati, wara l-implimentazzjoni tar-riallokazzjonijiet kollha possibbli fil-baġit, appropriazzjonijiet adegwati għandhom jiġu żgurati permezz tal-użu ta' flessibbiltajiet disponibbli, inkluż permezz ta' baġit emendatorju, jekk meħtieġ, sabiex tiġi evitata kwalunkwe pretensjoni mhux imħallsa ppreżentata mill-Istati Membri. Il-livell ta' impenji pendenti (RAL) għandu jiġi ssorveljat kontinwament biex ix-xogħol ma jaqax wisq lura.

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 2024/2509, 26.09.2024).

⁵ Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

6. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid fl-abbozz ta' baġit għall-2027 ir-riallokkazzjonijiet maqbula fil-QFP rivedut u li huma meħtieġa għall-finanzjament tal-prijoritajiet stabbiliti fil-QFP rivedut 2021-2027, kif ukoll id-diżimpenji li qed jerġgħu jsiru disponibbli. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tqis bis-sħiħ il-prijoritajiet kollha maqbula b'mod komuni fil-QFP rivedut, inkluż il-migrazzjoni, u tirriflettihom fl-abbozz ta' baġit għall-2027, b'kont meħud tal-bilanċ bejn l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament u l-iżgurar tal-finanzjament suffiċjenti maqbul għar-riżerva tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI). Peress li l-Kunsill iqis li dan huwa kruċjali, huwa jappella lill-Kummissjoni biex tipprevedi rapportar regolari adegwat, inkluż fuq bażi trimestrali, dwar il-kisba ta' dan ta' hawn fuq kif ukoll dwar l-ammont ta' diżimpenji li jimmaterializzaw fl-intestatura 6 tal-QFP, b'attenzjoni speċjali għall-NDICI u l-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA).
7. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni jirrispettaw l-elementi kollha tal-QFP 2021-2027 u jikkonformaw magħhom meta jistabbilixxu u jimplimentaw il-baġit għall-2027.
8. Il-Kunsill jissottolinja li d-dixxiplina baġitarja għandha tinżamm mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu bbaġitjati biss l-elementi tan-nefqa meqjusa meħtieġa.
9. Il-Kunsill jirrimarka li l-ammonti addizzjonali inklużi fil-baġit, bħal pereżempju mill-użu mill-ġdid tad-diżimpenji skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju, għandhom ikunu kompletament konformi u limitati għall-ftehim dwar il-QFP rivedut 2021-2027.

10. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-limitu massimu għall-intestatura 7 tal-QFP 2021-2027 huwa bbażat fuq il-premessa li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni jadottaw approċċ komprensiv u strett biex jiġi żgurat li r-riżorsi tal-persunal jiġu ottimizzati fir-rigward tal-prinċipju stabbli tal-persunal, kif ukoll għall-kisba ta' titjib fl-effiċjenza u ffrankar tal-kostijiet korrispondenti fin-nefqa amministrattiva mhux relatata mas-salarji. Bosta snin ta' żidiet fil-livelli tal-persunal, aġġornamenti awtomatiċi tas-salarji u bidliet ġenerali fil-prezzijiet f'ambjent inflazzjonarju, li dan l-aħħar beda jonqos, qed ipoġġu pressjoni sinifikanti fuq l-intestatura 7. Il-Kunsill għalhekk ikompli jappoġġa bil-qawwa approċċ komuni biex tiġi limitata dik l-intestatura, li hija destinata wkoll biex tiffinanzja l-persunal tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, flok ma jsir użu minn approprjazzjonijiet ta' intestaturi tematiċi għal dan il-għan. Il-Kunsill jappella lill-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni biex jadottaw politika prudenti dwar il-bini. Għal dak il-għan, huwa jappella lill-Kummissjoni biex teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 314(1) TFUE b'mod konsistenti mal-obiettivi msemmija hawn fuq. Il-Kunsill itenni wkoll it-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizzjattiva tagħha, biex tippreżenta, qabel ma tistabbilixxi d-dikjarazzjoni tal-estimi għas-sena finanzjarja 2027, miżuri effettivi, inkluż kontribut mir-rieżami fuq skala kbira li għaddej, biex tiġi mitigata n-nefqa amministrattiva u jiġi żgurat li l-limiti massimi attwali tal-intestatura 7 tal-QFP ma jinqabżux u li l-istrumenti speċjali ma għandhomx jiġu mobilizzati għal din l-intestatura. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib in-nefqa ta' appoġġ amministrattiv taħt il-programmi filwaqt li tiżgura li l-appropriazzjonijiet jirriflettu l-ħtiġijiet reali, kif ukoll, b'kont meħud ukoll tad-dikjarazzjoni unilaterali tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji fil-kuntest tat-test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-UE għas-sena finanzjarja 2026⁶, il-ħtiġijiet baġitarji tal-aġenziji, li għandhom iwettqu l-mandati tagħhom bl-aktar mod kosteffiċjenti.

⁶ Ara l-Anness 2 għall-ANNESS tad-dokument 15487/25.

11. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tqis il-preċiżjoni akbar fuq perjodu twil ta' żmien tat-tbassir⁷ tal-Istati Membri meta tistma l-livell ta' pagamenti fl-abbozz ta' baġit. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għall-prevedibbiltà kemm tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni kif ukoll tal-pagamenti mill-baġit tal-Unjoni lill-Istati Membri, filwaqt li jfakkar li l-ibbaġitjar preċiż jevita sfidi mhux mixtieqa għall-baġits nazzjonali, b'mod partikolari fid-dawl ta' implimentazzjoni aċċellerata tal-programmi li tirriżulta f'żieda fil-livelli ta' pagament fost restrizzjonijiet baġitarji nazzjonali stretti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni ttiprovdi b'mod trasparenti u mingħajr dewmien, tbassir preċiż u affidabbli tad-dħul kollu, inkluż rkupri, rimborżi, multi u l-ammont annwali pagabbli mir-Renju Unit fl-2027 f'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ⁸, li ser jagħti żmien biżżejjed lill-Istati Membri biex jivvalutaw il-kontribuzzjoni mistennija minnhom għall-baġit tal-Unjoni.
12. Il-Kunsill jissottolinja li għodod baġitarji korrettivi, bħall-baġits emendatorji, għandhom jinżammu għal minimu ġustifikat, jiġu introdotti fi żmien biżżejjed biex ikun possibbli eżami xieraq u biex jiġi evitat tfixkil fil-funzjonament tal-programmi tal-Unjoni, u għandhom jiġu ffinanzjati primarjament minn riallokazzjonijiet. B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta abbozzi ta' baġits emendatorji separati bbażati fuq id-dħul mingħajr dewmien, hekk kif l-informazzjoni rilevanti ssir disponibbli. Il-Kunsill għadu impenjat ferm li jieħu pożizzjoni dwar abbozzi ta' baġits emendatorji malajr kemm jista' jkun.

⁷ Kif irrappurtat fit-Tabella 1 tal-Ħarsa ġenerali tal-politika ta' koeżjoni u t-tbassir tal-Istati Membri tal-1 ta' April 2025 (WK 4061/2025).

⁸ Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

13. Sabiex il-parlamenti nazzjonali jkollhom biżżejjed żmien biex iwettqu skrutinju dettaljat u biex il-Kunsill iħejji bir-reqqa l-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-abbozz ta' baġit għall-2027 malajr kemm jista' jkun f'Ġunju. Iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex kontinwament ittejjeb il-kontenut tad-dokumenti baġitarji tagħha billi tagħmilhom aktar sempliċi, konċiżi u trasparenti u biex tiżgura li l-aktar data reċenti tkun disponibbli. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi, friżerva, approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament previsti għal atti legali ġodda jew emendi għal atti legali eżistenti li għadhom mhumiex adottati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.
14. Barra minn hekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex mal-abbozz tal-baġit tqiegħed s-sett komplut ta' dokumenti applikabbli elenkati fl-Artikolu 41 tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi trasparenza sħiħa u viżibbiltà sħiħa tal-assistenza finanzjarja pprovduta u l-pagamenti tal-imgħax relatati li għandhom isiru għad-dejn maħruġ kif msemmija fl-Artikolu 224 tar-Regolament Finanzjarju kif ukoll tal-fondi kollha fil-qafas tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) billi tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha fil-ħin, inkluż tabelli b'sommarji dwar l-appropriazzjonijiet tal-baġit u informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-dejn u obligazzjonijiet oħra tal-baġit tal-Unjoni u ħarsa ġenerali dwar kif għandu jiġi ffinanzjat qbiż tal-kost ippjanat tal-pagamenti tal-imgħax tal-EURI fl-2027 f'konformità mal-QFP rivedut 2021-2027. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni twettaq l-operazzjonijiet ta' teħid b'self tagħha f'konformità mal-ħtiġijiet attwali biex jiġu evitati likwidità eċċessiva u kostijiet tal-imgħax korrispondenti. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tipprovdi, kull meta disponibbli u xieraq, it-trażmissjoni ta' avviżi ta' konferma għal trasferimenti ta' appoġġ mhux ripagabbli magħmula mill-fondi kollettivi ta' finanzjament għall-baġit tal-UE li jwasslu għad-dikjarazzjoni tal-kostijiet mill-Kummissjoni, it-tbassir tal-iżborżi u d-diżimpenji mistennija mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) li jaffettwaw l-2027. Il-Kunsill jinnota li, biex jadotta pożizzjoni sinifikattiva dwar l-abbozz ta' baġit fir-rigward tal-kostijiet tal-imgħax, huwa jista' jqis biss l-informazzjoni trażmessa fil-ħin biex l-Istati Membri jkun jistgħu jwettqu valutazzjoni komprensiva.

15. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex fl-abbozz ta' baġit għall-2027 tqis il-ftehim stabbilit fl-elementi finali għal konklużjonijiet konġunti dwar il-baġit għall-2025⁹ u l-2026¹⁰. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar li, f'konformità mal-punti 16 u 17 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Frar 2024 kif riflessi fil-Premessa 12 u l-Artikolu 10a tar-Regolament emendat dwar il-QFP¹¹, jekk il-kost tal-pagamenti tal-imgħax ta' NextGenerationEU (NGEU) ma jkunx jista' jitħallas mil-linja baġitarja eżistenti tal-EURI fl-intestatura 2b, ser jitfittex finanzjament biex ikopri parti sostanzjali tal-ammonti meħtieġa, kemm jista' jkun, bil-ħsieb li jiġi mobilizzat ammont ekwivalenti għal madwar 50 % tal-qbiż tal-kost ippjanat tal-pagamenti tal-imgħax ta' NGEU bħala parametru referenzjarju. Dan ser isir billi jittieħed minn margġini ta' manuvra maħluq mill-implimentazzjoni baġitarja tal-programmi u l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid, kif ukoll minn strumenti speċjali mhux tematiċi, f'konformità mar-regoli settorjali applikabbli u obbligi legali oħra, b'kunsiderazzjoni tal-prijoritajiet u bbaġitjar prudenti. Il-pakketti nazzjonali tal-Istati Membri li jkunu ġew impenjati legalment mhux ser jiġu affettwati mir-riallokazzjonijiet u l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid imsemmija f'dan il-paragrafu. Jekk ikun meħtieġ aktar finanzjament, ser ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali billi jiġi mobilizzat l-istrument EURI.
16. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tinforma regolarment lill-Istati Membri dwar id-dħul assenjat imdaħħal fil-baġit, inkluż mill-EURI u mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit¹², u biex tikkonforma mal-obbligi tagħha fir-Regolament Finanzjarju fir-rigward ta' dħul assenjat ieħor allokat għal ċerti programmi f'konformità mal-ftehim dwar il-QFP rivedut 2021-2027. Barra minn hekk, il-Kunsill jinsisti fuq preżentazzjoni trasparenti tad-dħul assenjat li jirriżulta minn irkupri għal kull programm u tip, flimkien ma' tbassir tad-dħul assenjat mistenni biex tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni tal-livell xieraq ta' apporprjazzjonijiet baġitarji għal kull programm rispettiv.

⁹ Id-dokument WK 14457/2024.

¹⁰ Id-dokument WK 15592/2025 REV 1.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024).

¹² Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, il-Ħames Parti dwar il-Parteċipazzjoni fi Programmi tal-Unjoni, Ġestjoni Finanzjarja Tajba u Dispożizzjonijiet Finanzjarji u l-protokoll relatat (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14).

17. Il-Kunsill iħegġegħ lill-istituzzjonijiet kollha biex jikkollaboraw b'mod effiċjenti u kostruttiv biex il-proċedura baġitarja tkun mingħajr xkiel u jiġi stabbilit il-baġit għall-2027 skont l-iskadenzi stabbiliti mit-TFUE. B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex matul il-proċedura baġitarja kollha taġixxi bħala medjatur onest u biex tipprovdi fil-ħin l-informazzjoni dettaljata mitluba mill-Kunsill. Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' konċiljazzjoni, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex taġti aċċess f'waqtu għal abbozzi ta' elementi għal konklużjonijiet konġunti, li għandhom ikunu komprensivi u jkun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha (inkluż paragun mal-verżjoni preċedenti tal-abbozz ta' elementi). Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex fl-abbozz ta' elementi għal konklużjonijiet konġunti tkompli tippreżenta bidliet xierqa fil-pagamenti wara bidliet proposti fl-impenji, meta mqabbla ma' verżjoni preċedenti tal-abbozz.
18. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ppreservata n-natura annwali tal-proċedura baġitarja u biex jiġu evitati d-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet li mhumiex marbuta direttament man-negozjati annwali dwar il-baġit. Huwa jfakkar li l-għan tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, imlaqqa' f'konformità mal-Artikolu 314 TFUE, huwa li jstabilixxi l-baġit għall-2027.
19. Il-Kunsill itenni l-importanza kbira li jagħti lil dawn il-linji gwida u jistenna li l-Kummissjoni tqishom sew fit-tħejjija tal-abbozz tal-baġit għall-2027.
20. Sabiex titqajjem kuxjenza, dawn il-linji gwida ser jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni, kif ukoll għad-dispożizzjoni tal-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra kollha tal-Unjoni.